# Il-baned fil-festa ta' l-1901 - mitt sena ilu

*Vincent Zammit*

KARATTERISTIKA ewlenija tal-festi f'Malta hi d-daqq tal-baned. Diversi huma l-għaqdiet li wieħed jara jdoqqu u jferrħu lil kull min imur għal dawn il-festi. Għax barra li jkun hemm il-knisja mżejna bl-aħjar libsa tagħha, ikun hemm ukoll it-toroq mimlijin attività, kuluri u ferħ. Fost il-ferħ, ikun hemm id-daqq tal-baned, u għalhekk li minn dejjem fil-festi tagħna kien ikun hemm inkluż xi mużiċisti.

Forsi mingħajr ma jrid wieħed isaqsi l-mistoqsija meta bdew il-baned f'Malta. Jekk b'din il-mistoqsija wieħed jifhem il-baned kif nafuhom illum, allura nistgħu ngħidu li dan huwa fenomenu tat-tieni nofs tas-seklu dsatax. Fil-gżejjer Maltin wieħed kien jiltaqa' ma' numru ta' reġimenti Ingliżi, stazzjonati f'Malta, li kellhom il-baned tagħhom ukoll. Dan fisser li diversi Maltin bdew jitħajru li jagħmlu l-istess huma wkoll. Anzi, meta fil-Belt Valletta u f'diversi postijiet oħra beda jkun hemm kunċerti mogħtija minn dawn il-baned, allura wieħed kien jifhem il-għala l-Maltin tħajru wkoll. Barra minn hekk, wara it-twaqqif tal-baned, beda jkun hemm ukoll li l-istess bandisti jkollhom uniformi, li fil-biċċa l-kbira din kienet kopja ta' xi ħaġa oħra Ingliża. Dan kollu qiegħed jingħad biex wieħed forsi jibda japprezza ftit aktar l-istorja wara t-twaqqief tal-baned kif nafuhom aħna llum.

Iżda l-mużika fil-festi Maltin tmur aktar 'il bogħod minn dan iż-żmien. Nafu li l-festi Maltin ilhom isiru għal mijiet ta' snin. Dan kien ifisser li għalkemm l-istess festi kienu jsiru b'mod differenti, xi tip ta' mużika kienet tindaqq. Wieħed irid jiftakar ukoll li ż-żminijiet li bdew isiru l-festi fid-diversi




*Il-Banda King's Own f'ritratt ta' mitt sena ilu*

*Ikompli f'paġna 145*

*Ikompli minn paġna 143*

bliet u rħula Maltin, kien hawn fostna il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dawn kellhom diversi nies li jaħdmu magħhom bħala daqqaqa, u għalhekk l-istess nies kienu joffru s-servizzi tagħhom għal waqt il-festi. Wieħed għalhekk jista' jifhem il-għala jingħad li d-daqq fil-festi kien ilu jsir qabel ma bdew jitwaqqfu l-baned kif nafuhom illum.

**Il-baned fil-festa ta' San Lawrenz ta' l-1901**

Il-festa ta' San Lawrenz tal-Birgu hi waħda mill-festi li minn dejjem ġibdet ammirazzjoni u entużjażmu. Bħala waħda mill-ibliet prinċipali tal-Kottonera u ta' madwar il-Port il-Kbir, il-festa kienet tkun organizzata bl-aħjar mod possibbli. Għaldaqstant wieħed kien jinnota li minn dejjem kienu jistiednu diversi baned ħalli jkomplu jferrħu lil dawk kollha li jkunu marru għal festa. Fis-sena 1901 kien hemm numru mhux ħażin minn dawn il-baned.

Il-baned li daqqew fil-jiem tal-festa kienu:
Lejliet il-festa, 9 ta' Awissu, kien hemm id-*Duke of Edinburgh*, u l-Banda *King's Own*. F'jum il-festa, l-10 ta' Awissu, kellu jkun hemm ir-*Royal Malta Regiment*, l-Banda *King's Own*[1], u l-Banda San Ġużepp tal-Hamrun[2].

Mill-ġurnali ta' dak iż-żmien, wieħed ikun jaf ukoll x'daqqew id-diversi baned f'dik is-sena.

Il-Banda *Duke of Edinburgh* kellha ddoqq f'Misraħ ir-Rebħa[3], lejliet il-festa, fit-8 ta' fil-għaxija, f'dan il-programm:

| | |
|---|---|
| **Marcia** | **Italia in Africa - Sardo** |
| **Sinfonia** | **William Tell - Rossini** |
| **Pezzi Scelti** | **Fosca (Atto II) - Gomez** |
| **Pezzi Scelti** | **Manon Lescaut - Puccini** |
| **Galoppo** | **Empress of India - G. Grech**[4] |

Direttur: Gaetano Grech

Il-Banda *Duke of Edinburgh* kienet bdiet tuża dan l-isem fl-1891. Dan seħħ wara li f'dik is-sena kien hemm għal żjara f'Malta il-Prinċep Alfred, id-Duka ta' Edinburgh, li kien it-tieni tifel tar-Reġina Victoria ta' l-Ingilterra[5]. Interessanti wkoll li s-surmast li kien qiegħed jidderieġi l-banda dik is-sena, Gaetano Grech, kien wieħed mill-aħjar surmastrijiet ta' dak iż-żmien[6]. Kien surmast ta' diversi baned Maltin, fosthom dik tal-*Prince of Wales* tal-Belt Valletta, li maż-żmien kienet bidlet isimha għal *King's Own*[7]. Tajjeb jingħad li għal dik is-sena il-banda *Duke of Edinburgh* kienet żanżnet uniformi ġdida. L-ewwel darba li ntlibset din l-uniformi kien għal festa ta' San Duminku tal-Belt Valletta, fejn hemmhekk il-banda kienet mistiedna biex tieħu sehem fil-festa tal-qaddis[8].

Il-banda Royal Malta Regiment daqqet nhar il-festa fil-5.30 ta' fil-għaxija fl-istess Misraħ, dawn il-bċejjeċ mużikali:

| | |
|---|---|
| **Marcia** | **La mia Letizia - Carlini** |
| **Sinfonia** | **La Figlia Del Re Pipino - Grech** |
| **Pezzi Scelti** | **Reminiscenza di Verdi - Godfrey** |
| **Pezzi Scelti** | **La Favorita - Donizetti** |
| **Danza** | **Lilliputienne - Roftaun** |

Direttur: Gaetano Grech

*Ikompli f'paġna 147*

*Ikompli minn paġna 145*

Interessanti li wieħed jinnota l-parteċipazzjoni ta' banda riġimentali fil-festa ta' San Lawrenz. Fiż-żmien dawn il-baned kienu jkunu ferm attivi fil-festi Maltin. Ta' interess partikulari hu li s-surmast huwa l-istess wieħed tal-Banda *Duke of Edinburgh*. Dettal ieħor li nixtieq insemmi huwa l-fatt li l-banda daqqet ukoll bċejjeċ mill-*overture La Figlia de Re Pippino*. Din il-biċċa xogħol kienet inkitbet mis-surmast Gaetano Grech, u din kienet ġiet ippreżenta f'Londra waqt waħda mill-wirjiet kolonjali[9].

It-tielet banda li kien hemm għal dik is-sena kienet il-Hamruniża Banda San Ġużepp li daqqet f'jum il-festa ta' San Lawrenz fil-Misraħ dawn il-bċejjeċ:

| | |
|---|---|
| **Marcia** | **Spensierata - Di Michelis** |
| **Sinfonia** | **Tancredi - Rossini** |
| **Pezzi Scelti** | **Faust - Gounod** |
| **Masurca** | **Fleurs d'Amique - Waldteufel** |
| **Polca Valser** | **Pts. Pts. Bella - Miruzzi** |

Direttur: Antonio Miruzzi

Il-Banda San Ġużepp kienet ilha mwaqqfa sa' mis-sena 1889[10]. Bħala surmast dik is-sena kellha lil Miruzzi, li kien it-tieni surmast tal-banda. Huwa dam surmast ta' din il-banda għal tletin sena sħaħ. Huwa interessanti, li bħal diversi surmastrijiet oħra, Miruzzi kien ukoll surmast ta' diversi baned oħra Maltin. Fost l-aktar importanti huwa kien surmast direttur tas-Soċjetà Filarmonika La Valette, tal-Belt Valletta[11].

*Banda King's Own*: L-aħħar banda li sejrin insemmu hi dik li ilha tieħu sehem fil-festa ta' San Lawrenz għal numru ta' snin. Dak iż-żmien il-*King's Own* kienet għadha fil-bidu tagħha fil-parteċipazzjoni fil-festa ta' San Lawrenz. Jidher li minn dejjem kien hemm ċertu rispett muri bejn dawn iż-żewġ baned, jiġifieri dik tal-*King's Own* u d-*Duke of Edinburgh*, minħabba li l-banda mill-Belt Valletta kienet tingħata biex idoqq fil-jumejn tal-festa. Iż-żewġ programmi li esegwit il-banda kienu dawn li ġejjin:
Nhar id-9 ta' Awissu

| | |
|---|---|
| **Marcia** | **Sons of the Brave - Bidgood** |
| **Sinfonia** | **Sominernacblastraum - Supee'** |
| **Fiorilegio** | **Norma - Bellini** |
| **Atto Terzo** | **Ernani - Verdi** |
| **Preghiera** | **Pieta' Signor - Stradella** |
| **Valser** | **Die botschafter - Klein** |

Nhar jum il-festa, il-banda daqqet dan il-programm:

| | |
|---|---|
| **Marcia caratteristica** | **Vittoria - Ainis** |
| **Sinfonia** | **Zampa - Rerold** |
| **Pezzi Scelti No. 2** | **Otello - Verdi** |
| **Canzone** | **The lost chord - Sullivan** |
| **Gran Finale** | **La Gioconda - Ponchielli** |
| **Valser** | **Chantilly - Waldteufel** |

Direttur: Alfred P. Hare

*Ikompli f'paġna 149*

*Ikompli minn paġna 147*

Il-Banda *King's Own* kienet qegħda tagħmel użu minn dak l-isem għall-ewwel darba f'dik is-sena. Kien fil-fatt fl-4 ta' Marzu 1901 li kien ingħata l-permess irjali ħalli l-banda minn *Prince of Wales*, tbiddel isimha u tibda tissejjaħ *King's Own Band*[12]. Bħala surmast tagħha kellha lil Alfred P. Hare, surmast li kien ilu jidderieġi l-banda sa mill-1892. Kellu jibqa' magħha sas-sena 1908, għalkemm matul dak iż-żmien kien hemm okkażjonijiet fejn il-banda kienet taħt id-direzzjoni ta' surmastrijiet oħra.

B'din l-informazzjoni nisperaw li tajna ftit dawl fuq snin oħra, u l-parteċipazzjoni ta' baned fil-festa ta' San Lawrenz. Wieħed jinnota li minn dejjem għal festa kien ikun hemm aktar minn banda waħda li tkun mistiedna. Barra minn hekk wieħed irid jiftakar ukoll li mitt sena ilu, il-misraħ fejn kienu jdoqqu dawn il-baned kien ferm iżgħar milli huwa llum, minħabba t-tiġrif li kien ġarrab matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Mitt sena ilu l-festa kienet iċċelebrata bil-kbir, anke fit-toroq u fil-misraħ ewlieni tal-Birgu, u ċ-ċelebrazzjonijiet setgħu jsiru bil-presenża ta' l-aħjar baned ta' dak iż-żmien.

***Noti:***

1. *La Gazzetta di Malta*, 8 ta' Awissu 1901.
2. *Ibid.*, 10 ta' Awissu, 1901.
3. Dak iż-żmien il-misraħ kien magħruf bl-isem ta' Piazza Vittoriosa.
4. Ta' minn jinnota li dan il-programm kien l-istess bħal ma kien indaqq ftit jiem qabel fil-Belt Valletta għall-festa ta' San Duminku. L-uniku differenza kienet li fil-Belt Valletta kien hemm ukoll *Gavotte* ta' Perdue, minn Eunice, filwaqt li fil-Birgu kien hemm *Empress of India* minflokha.
5. Lorenzo Zahra, *Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz*, 1983, p. 19.
6. Mexxa l-banda *Duke of Edinburgh* għal 14-il sena.
7. Grech kien mexxa l-banda għal sentejn bejn l-1890 u l-1892.
8. L-uniformi saret minn Carm Vassallo, intaljatur mad-ditta ta' Vella Zarb ta' Strada Irjali, tal-Belt Valletta. Ara wkoll Vincent Zammit, "Il-Banda King's Own u Baned Oħra: Festa 1901", f'*Mill-Każin Nru. 14*.
9. Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri Maltese, *Biographies of the Twentieth Century*, PIN 1997.
10. Charles L. Azzopardi, "Is-Soċjeta Filarmonika San Ġużepp", f'*L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, It-Tieni Volum, editur Joseph F. Grima, PIN 1997, pp. 125-137.
11. Kan. John Ciarlò, *La Valette: Soċjetà Filarmonika Nazzjonali - L-ewwel mitt sena ta' storja*, Malta 1994.
12. Vincent Zammit, "King's Own Band Club: bdil ta' isem", f'IL-MUMENT, 11ta' Marzu 2001.❑